**14 ta' Novembru, 1997**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Rita mart Anthony Hicklin u l-istess Anthony Hicklin bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti

*versus*

Loreto Agius

**Servitù - Ritrattazzjoni - Applikazzjoni Hażina tal-Liġi - Artikolu 811 (e) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili - Kontradizzjonijiet fil-Parti Dispositttiva - Sentenza *Extra Petita* - Artikolu 811 (e) (i) (f) (l) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili**

*Talba ghal ritrattazzjoni fuq diversi kapi.*

*Il-Qorti ċċitat b'approvazzjoni tal-ġurisprudenza ormai kostanti u nota illi huwa konsentit smigh ġdid fuq bażi ta' l-artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili biss f'dawk il-każijiet fejn jirriżulta illi l-Qorti tkun applikat il-liġi l-hażina ghal fatti in kawża u mhux li applikat ghalihom il-liġi t-tajba b'mod hażin.*

*Ġie miċhud ukoll l-aggravju illi fis-sentenza impunjata kien hemm disposizzjonijiet kontra xulxin. Ġie ritenut fil-ġurisprudenza illi dawn il-kontradizzjonijiet iridu jirriżultaw fil-parti dispositiva tas-sentenza. Kif ukoll ġew miċhuda l-aggravji illi s-sentenza*

*inghatat fuq xi haga mhux mitluba kif ukoll żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti.*

Il-Qorti:-

L-atturi qed jitolbu li din il-Qorti takkordalhom smigħ mill-ġdid tal-kawża fl-ismijiet premessi deċiża finalment b'sentenza tagħha tat-13 ta' Ġunju, 1995;

B'ċitazzjoni ppreżentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili l-atturi ppremettew li huma l-proprjetarji tal-fond "Commodore Palace", Vjal il-Helsien, Ħaż Żebbuġ, minnhom mixtri mingħand il-venditur Lawrence *sive* Lorry Zammit, b'att tan-Nutar Philip Saliba tat-30 ta' Marzu, 1982 illi l-konvenut huwa l-proprjetarju tal-garaxx bla numru fi Triq Dun Miju Zarb, Ħaż Żebbuġ, minnu akkwistat b'att tan-Nutar Jeannette Laferla Saliba tat-12 ta' Marzu, 1982, mingħand Josephine Grech, li min-naħa tagħha akkwistatu mingħand l-imsemmi venditur Lawrence *sive* Lorry Zammit b'att tan-Nutar Philip Saliba tal-5 ta' Frar, 1981; illi l-konvenut qed jippretendi li għandu dritt fuq jew dwar il-parapett ta' l-istanti għaliex fl-att tiegħu ta' l-akkwist għandu deskritt li l-garaxx *de quo* għandu żewġ bibien u dan mingħajr ma jissemma' xejn aktar; għalhekk talbu li dik il-Qorti:

Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut m'għandux drittijiet ta' servitù jew drittijiet xort'oħra, kif minnu vantat u pretiż, dwar jew fuq il-parapett tal-fond "Commodore Palace", Vjal il-Helsien, Ħaż Żebbuġ, proprjetà ta' l-atturi;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittri legali ta' l-14 ta' Diċembru, 1990 u tas-17 ta' Jannar, 1991, kontra l-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni;

Il-konvenut hekk eċċepixxa:

L-attriċi m'ghandhiex interess ġuridiku f'din il-kawża ghaliex il-parapett in kwistjoni mhuwiex proprjetà taghha u qatt ma kien;

Di più il-konvenut dejjem kellu dritt li juża l-bieb li jaghti ghal fuq il-parapett ta' Gate Avenue;

Il-konvenut, fil-mori tal-kawża, eċċepixxa ulterjorment:

Illi huwa proprjetaru tal-parapett ta' Commodore Palace, Vjal il-Helsien, Haż Żebbuġ, kif jirriżulta mill-kuntratt ta' l-akkwist tieghu esebit in atti li jipprovdi li l-garaxx *de quo* jikkonfina ma' Gate Avenue (apparentement kif kien jismu qabel Vjal il-Helsien);

Illi hu qed jipposjedi tali parapett mhux ghax qed jippretendi xi dritt ta' servitù imma ghaliex huwa proprjetarju ta' l-istess fond;

B'sentenza tat-22 ta' Marzu, 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, filwaqt li ċahdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, laqghet it-talbiet attriċi u konsegwentement iddikjarat li l-konvenut ma ghandu l-ebda dritt ta' servitù ta' passaġġ jew drittijiet xort'ohra fuq il-parapett tal-fond "Commodore Palace", Vjal il-Helsien, Haż Żebbuġ, bl-ispejjeż kontra tieghu;

Din il-Qorti b'sentenza tat-13 ta' Ġunju, 1995, fuq appell interpost mill-konvenut irrevokat is-sentenza tal-Prim'Istanza, laqghet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut appellant u ċjoè dik li l-konvenut ghandu d-dritt li juża l-bieb li jaghti ghal fuq il-parapett - proprjetà ta' l-atturi ritrattandi fi Vjal il-Helsien ġo

Gate Avenue, Ħaż Żebbuġ u wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tiegħu, ċaħdet ukoll it-talba ta' l-atturi appellati ritrattandi. L-ispejjeż kollha kellhom jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti;

L-atturi ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza ta' din il-Qorti u qed jissottomettu illi jokkorru ċirkostanzi li jiġġusitfikaw it-trattazzjoni tal-kawża mill-ġdid a tenur tas-subinċiż (e), (f), (l) u (j) ta' l-artikolu 811 tal-Kodiċi, Kap. 12. Hi din it-talba illi din il-Qorti jeħtiġilha issa tikkunsidra u tiddeċiedi;

Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa s-sottomissjonijiet magħmula mir-ritrattandi fuq kull wieħed mill-kapi li fuqhom qed jitolbu s-smigħ mill-ġdid u ssib li dawn huma sostanzjalment korretti fil-liġi u fir-referenzi għall-ġurisprudenza li jinterpretawha. Hu però fl-applikazzjoni ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt għar-riżultanzi proċesswali u senjatament għas-sentenza impunjata illi t-talba tagħhom għar-ritrattazzjoni tfalli. Utili li f'dan il-każ li l-Qorti teżamina kull wieħed mill-aggravji senjalati u wara li tesponi l-motivazzjoni ta' l-atturi dwarhom, tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha. Sewwa ukoll li jiġi ppreċiżat l-ilment prinċipali tar-ritrattandi li minnu jemerġu l-aggravji kollha li skond huma jintitolawhom għal smigħ mill-ġdid. Dan hu illi s-sentenza impunjata, wara li rrikonoxxiet, kif ippretendew l-istess atturi, fiċ-ċitazzjoni tagħhom, li l-parapett *de quo* kien ta' proprjetà esklussiva tagħhom, għaddiet biex tafferma illi l-fatt li fil-kuntratt ta' l-akkwist tal-konvenut issemmew żewġ bibien u wieħed minnhom jagħti għal fuq dan il-parapett "dan kellu jingħata l-effett legali tiegħu". Huma jissottomettu illi din il-Qorti, fis-sentenza impunjata, ma setgħetx tgħaddi biex tiddeċiedi kif iddeċidiet waqt li kienet waslet għall-konklużjoni illi l-parapett kien tagħhom u meta ma kienx hemm il-prova legali tal-kostituzzjoni tas-servitujiet li

huma impliċiti fl-istess sentenza;

Ir-ritrattandi hekk jissottomettu fir-rigward ta' dan l-ilment:

"Referibbilment għas-subinċiż (e) għall-811, il-Kodiċi Ċivili tagħna tiddistingwi bejn id-diversi kategoriji ta' *servitujiet. L-artikolu 455 jgħid li dawn huma kontinwi jew* mhux kontinwi, li jidhru jew li ma jidhrux. S'intendi din id-distinzjoni hi ta' massima importanza fil-mod kif jistgħu jiġu akkwistati d-diversi servitujiet. Imbagħad skond l-artikolu 457,is-servitujiet kontinwi u li ma jidhrux jistgħu jitnisslu bis-saħħa ta' titolu; bil-preskrizzjoni entro l-parametri hemm definiti u bid-destinazzjoni tal-*bonus pater familias*;

B'danakollu, ai termini ta' l-artikolu 469 (1) ta' l-istess Kodiċi "is-servitujiet kontinwi li ma jkunux jidhru, u s-servitujiet mhux kontinwi, ikunu jew ma jkunux jidhru, jistgħu biss jiġu stabbiliti bis-saħħa ta' titolu". Anzi, huma ma jistgħux jiġu stabbiliti bil-preskrizzjoni jew bid-destinazzjoni ta' sid ta' żewġ fondi;

Huwa indiskuss illi servitù ta' pasaġġ huwa wieħed diskontinwu u kwindi ma jistax ħlief jiġi akkwistat bis-saħħa ta' titolu (Vol. XXXIV, pt. I, p. 21). Ma jissemma' mkien fil-kuntratt ta' akkwist illi l-awtur tal-konvenut ikkonċedilu dritt bħal dan fuq il-parapett tal-fond li sa dakinhar kienet għadha tal-venditur tiegħu stess u lanqas setgħet tkun konċepibbli illi l-venditur kien qed jikkrea jew kellu l-intenzjoni li jikkrea servitù fuq il-fond proprju anke fuq l-iskorta tal-prinċipju illi *nemo ipsi servitutem debet* (Vol. VI, p. 473, Vol. XXIX, pt. II, p. 854);

In effetti ukoll lanqas jidher mill-istess kuntratt illi l-awtur tal-konvenut kien għall-fatt biss ta' tismija ta' żewġ bibien fid-

deskrizzjoni tal-garaxx kien qiegħed għal daqshekk jikkonċedilu servitujiet *ad lumen* jew addirittura dak tal-prospett;

Huwa prinċipju ben stabbilit fid-dottrina u l-ġurisprudenza illi konvenzjoni dwar "*la costituzione e l-esercizio di servitù si deve interpretare in senso ristretto e qualunque dubbio circa la detta materia si deve risolvere in vantaggio del possessore del fondo servente* ..." (Vol. XVIII, pt. II, p. 325, Vol. XXVI, pt. I, p. 759). *Multo magis*, imbagħad meta fil-kuntratt ma teżisti l-ebda konvenzjoni dwar il-kreazzjoni ta' servitù;

Il-kwistjoni sotto konsiderazzjoni mhix waħda ta' evalwazzjoni biss però, jew ta' mera interpretazzjoni tal-kuntratt iżda dik fejn l-esponenti qiegħed bl-umiltà kolha jafferma illi l-Qorti ta' l-Appell la segwiet il-liġi fir-rigward tal-prinċipji in materja ta' servitujiet u wisq anqas id-disposizzjonijiet relattivi rigwardanti l-"Interpretazzjoni tal-Kuntratti" (Titolu IV, Subtitolu I - III tal-Kodiċi Ċivili senjatament l-artikoli 1002 - 1009), fejn dan ta' l-aħħar jiddisponi illi "fid-dubbju, il-konvenzjoni tiġi mfissra kontra dak li favur tiegħu saret l-obbligazzjoni a favur ta' dak illi ntrabat bl-obbligazzjoni"";

Hu ċar minn dawn is-sottomissjonijiet illi r-ritrattandi qed jippretendu illi s-sentenza impunjata kienet affetta minn żball ta' liġi għaliex din il-Qorti la applikat il-liġi dwar is-servitujiet u wisq anqas id-disposizzjonijiet rigwardanti l-interpretazzjoni tal-kuntratti meta messha applikathom. Għalkemm mhux espliċitament espressa hi s-sottomissjoni tar-ritrattandi li din il-Qorti kien messha applikat dawn id-disposizzjonijiet għall-fatti kif irriżultawlha mentri dan ma għamlitux. Anke jekk il-liġi tiddisponi espressament: "li l-attur għandu jsemmi l-liġi li kien messha ġiet applikata", l-indikazzjoni mogħtija mir-ritrattandi

dwar liema kienu l-istituti li kien messhom, fil-fehma taghhom ġew applikati, kienet adegwata biex tissodisfa l-vot tal-liġi. L-aggravju allura jinkwadra ruħu sew fl-interpretazzjoni mogħtija mill-ġurisprudenza lil dan is-subinċiż - ormai kostanti u nota - illi kien konsentit smigħ mill-ġdid fuq dan il-kap biss f'dawk il-każijiet fejn jirriżulta illi l-Qorti tkun applikat il-liġi l-ħażina għal fatti in kawża u mhux li applikat għalihom il-liġi t-tajba b'mod ħażin;

Issa, is-sottomissjoni prinċipali tar-ritrattandi hi, fuq dan il-kap, illi din il-Qorti ma kkunsidratx illi d-drittijiet, anke jekk imsejħa fakoltajiet - li kellu l-konvenut fuq il-passaġġ *de quo* kienu naxxenti minn xi titolu. Jippermettu illi "servitù" tax-xorta li jippretendi li kellu l-konvenut fuq il-parapett tagħhom kellu jirriżulta minn titolu u seta' jiġi kostitwit biss permezz u bis-saħħa ta' titolu. Is-sentenza impunjata però tgħid testwalment:

"Din il-Qorti jidhrilha li la l-partijiet espressament indikaw li l-garaxx kellu żewġ bibien, din hija manifestazzjoni univoka ta' l-intenzjoni tal-venditur li jittrasferixxi l-garaxx bil-fakoltajiet kollha inerenti għall-użu ta' dan il-bieb. Il-kuntratt ta' akkwist stess huwa t-titolu (sottolinear fis-sentenza impunjata) ta' l-appellant għad-dritt li huwa juża l-bieb in kwistjoni skond id-destinazzjoni li għaliha ġie kostruwit";

Hu f'waqtu li jiġi reġistrat illi t-talba ta' l-atturi ritrattandi fl-att taċ-ċitazzjoni kienet li l-Qorti "tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut ma għandux drittijiet ta' servitù jew drittijiet xort'oħra kif minnu vantat u pretiż" fuq il-parapett *de quo*. Hu veru li din il-Qorti ma użatx fil-konsiderazzjonijiet tagħha it-terminu "servitù" imma dan ma jfissirx li dan l-istitut ma ffigurax fil-motivazzjoni tagħha meta qieset illi l-fond ta' l-atturi kien servjenti għall-fond tal-konvenut u kellu ibati dak is-

servizz li għalih il-bieb li kellu għal fuq il-parapett kien naturalment intenzjonat li jagħti. *Fl-aħjar ipotesi għall-atturi* ritrattandi din il-Qorti ma waslitx biex tiddikjara li kien hemm dritt ta' servitù vera u proprja *expressis* imma biss irravviżat "dritt xort'oħra". Mingħajr ma ddeterminat l-estensjoni preċiża ta' tali dritt u forsi lanqas il-figura ġuridika tiegħu, iddikjarat u ddeċidiet li l-parapett ta' l-atturi kien soġġett għad-dritt tal-fond tal-konvenut li jagħmel użu mill-bieb li jagħti għal fuq l-istess parapett *skond id-destinazzjoni naturali tiegħu. Hu* ċar missentenza impunjata li din il-Qorti qieset l-eżistenza fiżika tal-bieb fil-mument ta' vendità u t-tismija ta' dak il-bieb fil-korp tal-kuntratt flimkien, kienu jikkostitwixxu t-titolu ta' servitù anke jekk mhux espressament speċifikat. Titolu li jirriżulta allura mill-kuntratt ta' komprovendità kif is-sentenza stess tindika. Jingħad infatti fis-sentenza *inter alia* "Huwa veru li dawn *il-*vantaġġi ma ġewx speċifikati *fil-kuntratt ta' akk*wist bħal servitujiet però din il-Qorti diġà kkummentat dwar il-fatt li ta' spiss il-partijiet fuq il-kuntratt ma jfornux lin-Nutar dettalji ċari ta' dak li jkollhom f'moħħhom. Din il-Qorti jidhrilha li la l-partijiet espressament indikaw li l-garaxx kellu żewġ bibien, din hija manifestazzjoni univoka ta' l-intenzjoni tal-venditur li jittrasferixxi l-garaxx bil-fakoltajiet kollha inerenti għall-użu ta' dan il-bieb bil-kuntratt ta' l-akkwist stess huwa t-titolu ta' *l-*appellant għad-dritt li juża l-bieb in kwistjoni skond id-destinazzjoni li għaliha ġie kostruwit". Dan ma jistax ħlief ifisser li din il-Qorti rravviżat, fl-espressjoni tal-volontà tal-kontendenti kontraenti, il-konsapevolezza tal-konsistenza u tal-kostituzzjoni ta' dan id-dritt ta' servitù li tikkomprendi l-faċilitajiet illi l-eżistenza tal-bieb kienet tipprevedi u timporta;

Wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx ma' tali argumentazzjoni jew rażjonċinju kif wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx li servitù setgħet tiġi kreata - iva b'titolu - imma b'dan il-mod alkwantu indirett. Ma jistax però ċertament jingħad illi din il-Qorti ma kinitx qed tqis u tapplika, skond kif fehmitha, il-

liġi espressa fl-istitut tas-servitujiet għall-fatti taħt eżami. Kif lanqas wieħed jista' jiddubita illi l-eżerċizzju kollu fil-konsiderandi tas-sentenza impunjata kien marbut u motivat bl-*applikazzjoni tal-prinċipji ta' l-interpretazzjoni tal-kuntratti kif* fehmitha din il-Qorti li kienu applikabbli għall-fatti taħt eżami. Ir-ritrattandi dehrilhom illi kien il-każ li jiġi applikat il-prinċipju illi fid-dubbju il-konvenzjoni kellha tiġi mfissra kontra dak li favur tiegħu saret l-obbligazzjoni u favur dak illi *ntrabat bl-obbligazzjoni. Imma din il-Qorti ma jidher li kellha l-*ebda dubbju fl-interpretazzjoni tal-konvenzjoni u ddeċidiet li kienet sodisfatta illi l-fond tal-konvenut kien igawdi dawn id-drittijiet fuq il-fond ta' l-atturi. Għal din il-Qorti kien hemm nuqqas ta' kjarezza fil-kuntratt imma ma kien hemm l-ebda *dubbju dwar x'kienet l-intenzjoni vera u konkreta tal-*kontraenti;

L-aggravju fuq is-subinċiż qed jiġi għalhekk respint;

Dwar l-ilment fuq is-subinċiż (i) ta' l-artikolu 811:

Fuq dan il-kap ir-ritrattandi hekk issottomettew:

"Hemm imbagħad raġuni oħra għar-ritrattazzjoni tal-kawża fuq dak maħsub fis-subinċiż (i) għall-artikolu 811 tal-Kodiċi Ċivili. Din il-kontrattazzjoni tissussisti fil-fatt illi fejn il-Qorti kkonkludiet li l-parapett huwa parti integrali mill-mezzanin u kwindi proprjetà ta' l-esponent ma kellhiex fl-istess ħin f'partijiet oħra tad-deċiżjoni tafferma illi l-konvenut għandu l-fakoltajiet hemm speċifikati, liema fakoltajiet loġikament jaggravaw fuq l-istess parapett";

*Dan l-aggravju hu insostenibbli. Is-subinċiż (i) ta' l-*artikolu 811 jipprovdi għal smigħ mill-ġdid jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin. Ġie ritenut fil-

ġurisprudenza illi dawn il-kontradizzjonijiet iridu jirriżultaw fil-parti dispositiva tas-sentenza impunjata u mhux fil-motivazzjoni tagħha. Apparti l-fatt li - stabbilita l-korrettezza tal-konsiderazzjonijiet fis-sentenza impunjata fil-meritu - ma kien hemm l-ebda kontradizzjoni bejn id-dikjarazzjoni li l-parapett *de quo* kien ta' proprjetà esklussiva ta' l-atturi u d-dikjarazzjoni li dak il-parapett kien soġġett għad-drittijiet li ġiet stabbilit li l-fond tal-konvenut kellu fuqu. Il-parti dispositiva tas-sentenza - tajjeb jew ħażin - kienet waħda ċara u univoka. Is-sentenza tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata. Iddikjarat illi l-konvenut kellu d-dritt li juża l-bieb li jagħti għal fuq il-parapett proprjetà ta' l-atturi. Ifisser illi - mingħajr ma ddikjarat espressament l-eżistenza ta' servitù - is-sentenza ddeterminat li kien hemm id-dritt ta' aċċess mill-bieb tal-fond tal-konvenut għal fuq il-parapett proprjetà ta' l-atturi u għal fuq it-triq pubblika oltre minn kull faċilità oħra li l-bieb kien intenzjonat li jagħti lill-fond dominanti tal-konvenut. Dan *b'deċiżjoni preċiża u konformi mat-talba attriċi li jiġi ddikjarat* li l-fond tal-konvenut ma kienx igawdi "drittijiet ta' servitù jew drittijiet xort'oħra". Deċiżjoni li ma tistax tfisser ħaġa oħra ħlief li din il-Qorti ddikjarat illi drittijiet fuq il-fond ta' l-atturi, il-fond tal-konvenut kellu. Kontradizzjoni fid-dispositiv tas-sentenza ċertament ma tirriżultax, u dan l-aggravju qed jiġi respint;

Dwar l-ilment ibbażat fuq is-subinċiż (f) ta' l-artikolu 811:

Dan is-subinċiż jippermetti trattazzjoni mill-ġdid tal-kawża jekk is-sentenza tkun ġiet mogħtija fuq ħaġa mhux imdaħħla fit-talba. Fuq dan ir-ritrattandi hekk jissottomettu:

"Jidher imbagħad li hemm distinzjoni fit-terminoloġija "fakoltajiet" mil-lokazzjoni "drittijiet" adoperata mill-esponenti fit-talba tiegħu fiċ-ċitazzjoni u għalhekk ukoll jidher li l-Qorti

ta' l-Appell ġiet mogħtija fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talbiet bi ksur tas-subinċiż (f) għall-istess artikolu 811";

Dan l-aggravju hu manifestament infondat. Hu minnu li fis-sentenza impunjata jintuża t-terminu "fakoltajiet" waqt li fit-talba attriċi intuża t-terminu "drittijiet". Imma fl-ebda ħin ma hemm xi *indikazzjoni fis-sentenza* li kien qed jiġi ddikjarat li l-konvenut kellu xi fakoltà jgawdi l-użu tal-parapett proprjetà ta' l-atturi mingħajr ma kellu d-dritt li hekk jagħmel. Hu ovvju illi l-fakoltajiet li rravviżat din il-Qorti fis-sentenza impunjata ma kinux *ħlief drittijiet li* espressament *identifikathom li kienu* jirriżultaw minn titolu li hu l-kuntratt ta' komprovendità. Jekk xejn din il-Qorti fis-sentenza impunjata setgħet ġiet ukoll xi ftit żgwidata mit-talba nfisha li kienet tipprospetta l-possibbilità li l-konvenut seta' kien qed jippretendi li jgawdi d-drittijiet bħala konsegwenza ta' l-eżistenza tal-bieb li jagħti għal fuq il-parapett li ma kinux jikkwalifikaw bħal servitujiet imma bħala *drittijiet xort'oħra. Din il-Qorti dehrilha li kienu servitujiet kif* effettivament jidher li kkonsidrathom is-sentenza mpunjata fil-korp tal-motivazzjoni tagħha. Żgur allura ma setax jingħad li s-sentenza kienet b'xi mod *ultra petita*;

Dan l-aggravju qed jiġi respint ukoll;

Dwar l-ilment ibbażat fuq is-subinċiż (l) ta' l-artikolu 811:

Ir-ritrattand hekk issottometta dwar dan il-kap:

"Kwantu għal dak maħsub fis-subinċiż (l) *l'errore di fatto* jirriżulta mis-sempliċi raffront bejn id-dikjarazzjonijiet fis-sentenza ma' *l-att proċesswali. Issa fil-każ de quo l-konvenut* biddel sostanzjalment il-linja ta' difiża tiegħu u fejn għall-ewwel ippretenda li kellu d-dritt juża l-bieb li jagħti għal fuq il-parapett in segwitu pretenda li dan id-dritt kien tiegħu għax hu

kien il-proprjetarju tal-parapett u mhux ghax kien "qed jippretendi xi dritt ta' servitù";

Ġaladarba *l-konvenut innifsu kien qed jivvanta jeddijiet* ta' proprjetà u anzi eleġġa din it-triq b'mod assidwu u warrab ghal kollox kull pretensjoni ohra, ma kellhiex il-Qorti *di sua sponte* u każwalment tindaga fuq servitujiet u fakoltajiet skartati *mill-istess konvenut*";

Ir-ritrattand finalment jitlob li tiġi kkunsidrat t-talba tieghu ghal smigh mill-ġdid a bażi tas-subinċiż (l) li jipprovdi ghal *ritrattazzjoni* jekk is-sentenza kienet effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. Dan is-subinċiż jipprovdi inoltre li:

"Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu jitqies li hemm dak l-iżball fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tieghu tkun bla ebda dubbju eskluża jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt li l-verità tieghu tkun stabbilita posittivament, basta li fil-każ il-wiehed u l-iehor il-fatt ma jkunx punt ikkontestat *li jkun* ġie deċiż fis-sentenza";

Hu ċar li dan l-aggravju kif redatt ma jimporta l-ebda żball fis-sentenza nfisha. Il-Qorti kienet ben konxja tad-difiżi kontrastanti u kontradittorji li ressaq il-konvenut. Dehrilha però li indipendentement minn dawn id-difiżi u l-eċċezzjonijiet li ressaq ir-ritrattat, hi kellha tmur ghall-qalba tal-vertenza kif *impostata* fit-talba attriċi u *tirrispondi* ghaliha. Il-konsiderazzjonijiet taghha allura neċessarjament u korrettement kellhom jinvestu materji ta' servitujiet jew drittijiet xort'ohra. Is-subinċiż (l) hu intiż invece biex jirrimedja żball lampanti tal-Qorti fis-sentenza li johroġ mill-atti u mhux żball tal-parti fil-mod kif ikkonduċiet id-difiża taghha;

Anke dan l-ilment jirriżulta allura insostenibbli u qed jiġi skartat;

Għal dawn il-motivi, it-talba għal smigħ mill-ġdid qed tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra r-ritrattandi.